MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2009

Citazzjoni Numru. 44/2009

Joseph u Carmen konjugi Cordina

Vs

Joseph u Josephine konjugi Sultana

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-15 ta’ Mejju 2009 l-atturi premettew li huma kkostitwew ruhhom garanti solidali mal-konvenuti ghal facilita’ bankarja li l-konvenut hadu minghand HSBC Bank Malta plc.

Bhala garanti l-atturi kienu kostretti li jhallsu s-somma ta’ tnax-il elf disgha mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€12,988.12) lill-istess bank.

Ghalkemm il-konvenuti gew mitluba jirrifondu dan l-ammont, baqghu inadempjenti u qeghdin isostnu li l-ammont gie pacut billi ghaddew lill-attur kreditu li kellhom ma' Amand Verranemann.

Ghal dawn il-motivi l-atturi talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri fil-konfront tal-atturi ghall-flus li hallsu lil HSBC Bank Malta plc bhala rifuzjoni ghas-self li kienu hadu l-konvenuti.

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi.
3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lura l-ammont hekk imhallas mill-atturi bl-imghax mid-data ta' kull hlas.

Rat li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati bir-rikors guramentat, baqghu ma wiegbux.

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenuti fit-13 ta' Lulju 2009 (fol. 19)[1].

**Peress li l-konvenuti pprezentaw nota ta' ammissjoni, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' tnax-il elf disgha mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€12,988.12) u bl-imghax kif mitlub.**

**Spejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] *"Li permezz taghha qed jammettu t-talbiet hekk kif migjuba kontra taghhom.."*.